DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

30 ta' Jannar 2014*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali — Direttiva 2004/80/KE — Artikolu 12 — Kumpens għal vittmi ta' kriminalità intenzjonali u vjolenti — Sitwazzjoni purament interna — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja"

Fil-Kawża C-122/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale ordinario di Firenze (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Frar 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Marzu 2013, fil-proċedura

Paola C.

vs

Presidenza del Consiglio dei Ministri,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn A. Borg Barthet, President tal-Awla, M. Berger (Relatur) u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Paola C., minn P. Pellegrini, avukat,

— għar-Renju ta' Spanja, minn S. Centeno Huerta, bħala aġent,

— għar-Repubblika Taljana, minn G. Palmieri u G. Palatiello, bħala aġenti,

— għar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn M. K. Bulterman, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A.-M. Rouchaud-Joët u F. Moro, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' permezz ta' digriet motivat, skont l-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

tagħti l-preżenti

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, tat-29 ta' April 2004, li għandha x'taqsam ma' kupens għal vittmi ta' delitti [kriminalità] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 65).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Paola C. u l-Presidenza del Consiglio dei Ministri (presidenza tal-kabinett tal-ministri), dwar ir-responsabbiltà ta' din tal-aħħar minħabba n-nuqqas ta' traspożizzjoni, min-naħa tar-Repubblika Taljana, tad-Direttiva 2004/80, u minħabba d-dannu mġarrab minn Paola C. b'riżultat ta' dan.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 7 u 11 tad-Direttiva 2004/80 huma fformulati kif ġej:

"(7) Din id-Direttiva tfassal sistema ta' koperazzjoni biex jiġi faċiliat aċċess għal kumpens ta' vittmi ta' delitti [kriminalità] f'sitwazzjonijiet tal-qsim tal-fruntieri [transkonfinali]; [...]

[...]

(11) Sistema ta' koperazzjoni bejn l-awtoritàjiet tal-Istati Membri għandha tiġi ntrodotta sabiex jiġi faċilitat aċċess għal kumpens f'każijiet fejn id-delitt [reat] ikun ġie kommess fi Stat Membru ieħor għajr dak tar-residenza tal-vittma".

4 L-Artikolu 12 ta' din id-direttiva, li jagħmel parti mill-Kapitolu II tagħha, intitolat "Skemi nazzjonali dwar il-kumpens", jipprovdi:

"1. Ir-regoli dwar aċċess għal kumpens f'sitwazzjonijiet ta' qsim il-fruntiera [transkonfinali] mfassla minn din id-Direttiva għandhom joperaw fuq il-bażi ta' skemi tal-Istati Membri fuq kumpens għal vittmi ta' delitti [kriminalità] vjolenti internazzjonali [intenzjonali] kommessi fit-territorji rispettivi tagħhom.

2. L-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw li r-regoli nazzjonali tagħhom jipprovdu għall-eżistenza ta' skema ta' kumpens lil vittmi ta' delitti vjolenti internazzjonali [intenzjonali] kommessi fit-territorji rispettivi tagħhom, li tiggarantixxi kumpens bil-fier [ġust] u xieraq għal vittmi".

Id-dritt Taljan

5 Id-Direttiva 2004/80 ġiet trasposta fl-Italja, b'mod partikolari, permezz tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 204, li japplika d-Direttiva 2004/80/KE, li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi tal-kriminalità (Decreto legislativo n 204, attuazione della direttiva 2004/80/CE relativa all'indennizzo delle vittime di reato), tad-9 ta' Novembru 2007 (Suppliment ordinarju tal-GURI Nru 261, tad-9 ta' Novembru 2007). Dan id-digriet jagħmel riferiment, fir-rigward tal-kundizzjonijiet materjali għall-għoti tal-kumpens li għalih huwa responsabbli l-Istat Taljan, għal liġijiet speċjali li jipprovdu għall-forom ta' kumpens għall-vittmi ta' reati mwettqa fit-territorju nazzjonali. Madankollu, mhux kull tip ta' reat vjolenti u

intenzjonali huwa kopert b'dawn il-liġijiet speċjali. Għalhekk, ma teżisti l-ebda liġi speċjali li tiggarantixxi kumpens ġust u xieraq fis-sens tal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/80, lill-vittma ta' reat ta' vjolenza sesswali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

6 Paola C. talbet lill-qorti tar-rinviju tikkundanna lill-Presidenza del Consiglio dei Ministri sabiex tagħtiha kumpens għad-dannu ffissat għal EUR 150 000, wara l-konstatazzjoni tar-responsabbiltà ta' din tal-aħħar minħabba n-nuqqas ta' implementazzjoni tad-Direttiva 2004/80.

7 Insostenn tat-talba tagħha, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssostni li hija kienet il-vittma ta' vjolenzi sesswali mwettqa minn A. M. Dan tal-aħħar, b'mod partikolari, ġie kkundannat iħallasha s-somma ta' EUR 20 000 bħala danni provviżorji. Madankollu, A. M. ma ħallasx dak li kien dovut. Fil-fatt, fil-mument tal-kundanna tiegħu, dan tal-aħħar kien miżmum il-ħabs, indiġenti u mingħajr impjieg jew residenza. Skont Paola C., meta huwa joħroġ mill-ħabs, A. M. ser ikun insolventi u ser jitkeċċa mill-Italja, u b'hekk hija ser titlef kull opportunità li tikseb kumpens ġust u xieraq mingħand dan tal-aħħar. Issa, ir-Repubblika Taljana ma jidhirx li kienet adottat il-miżuri neċessarji sabiex tiggarantilha minn tal-inqas kumpens ġust u xieraq, bi ksur tal-obbligu ta' dan l-Istat Membru taħt l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/80.

8 Quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Presidenza del Consiglio dei Ministri titlob li tiġi miċħuda t-talba bħala inammissibbli u infondata. Hija b'mod partikolari ssostni li d-Direttiva 2004/80 tfittex li tirregola esklużivament il-kumpens għall-vittmi tal-kriminalità vjolenti u intenzjonali f'sitwazzjonijiet transkonfinali, filwaqt li l-att kriminali inkwistjoni twettaq fit-territorju Taljan u l-vittma hija ċittadina Taljana.

9 Il-qorti tar-rinviju tqis, f'dan ir-rigward, li, għalkemm l-għan tad-Direttiva 2004/80 huwa li toħloq miżuri intiżi li jiffaċilitaw il-kumpens għall-vittmi tal-kriminalità f'sitwazzjonijiet transkonfinali u li tippermetti lil vittma ta' reat f'kull ħin tindirizza azzjoni quddiem awtorità tal-Istat Membru fejn hija tirrisjedi, l-Artikolu 12(2) ta' din id-direttiva jista' madankollu jiġi interpretat fis-sens li jobbliga lill-Istati Membri kollha jadottaw miżuri tali li jiggarantixxu l-kumpens lill-vittmi ta' kwalunkwe reat vjolenti u intenzjonali. F'dan il-każ, ir-Repubblika Taljana jidher li tonqos milli twettaq l-obbligi tagħha sa fejn il-leġiżlazzjoni interna tagħha tipprovdi għal sistema ta' kumpens għal ċerti reati, bl-esklużjoni ta' dawk li jitwettqu bi vjolenza sesswali.

10 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunale ordinario di Firenze ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"L-Artikolu 12 tad-Direttiva [2004/80] għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal kumpens għall-vittmi ta' xi kategoriji ta' delitti [reati] vjolenti jew intenzjonali jew inkella jimponi fuq l-Istati Membri, skont l-imsemmija direttiva, li jadottaw sistema ta' kumpens għall-vittmi tad-delitti intenzjonali jew vjolenti kollha?"

Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

11 Qabel kollox, hemm lok li jitfakkar li d-Direttiva 2004/80, kif jirriżulta mill-premessa 7 tagħha, "tfassal sistema ta' koperazzjoni biex jiġi faċilitat aċċess għal kumpens ta' vittmi ta' delitti [reati] f'sitwazzjonijiet tal-qsim tal-fruntieri [transkonfinali]". Il-premessa 11 ta' din id-direttiva tispeċifika f'dan ir-rigward li "[s]istema ta' koperazzjoni bejn l-awtoritàjiet tal-Istati Membri għandha tiġi ntrodotta sabiex jiġi faċilitat aċċess għal kumpens f'każijiet fejn id-delitt ikun ġie kommess fi Stat Membru ieħor għajr dak tar-residenza tal-vittma".

12 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà enfasizzat li d-Direttiva 2004/80 tipprovdi għal kumpens fil-każ biss ta' reat intenzjonali u vjolenti li jkun seħħ fi Stat Membru li ma huwiex dak tar-residenza normali tal-vittma (sentenza tat-28 ta' Ġunju 2007, Dell'Orto, C-467/05, Ġabra p. I-5557, punt 59).

13 Madankollu, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li Paola C. kienet vittma ta' reat intenzjonali u vjolenti li twettaq fit-territorju tal-Istat Membru fejn hija tirresjedi, jiġifieri fir-Repubblika Taljana. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/80, iżda biss taħt id-dritt nazzjonali.

14 Issa, f'sitwazzjoni purament interna, il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju.

15 Ċertament, skont ġurisprudenza stabbilita, anki f'sitwazzjoni bħal din, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħti l-interpretazzjoni mitluba meta d-dritt nazzjonali jimponi fuq il-qorti tar-rinviju, fi proċeduri bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħti lil ċittadini nazzjonali l-istess drittijiet bħal dawk li jibbenefika minnhom ċittadin li ġej minn Stat Membru ieħor, fl-istess sitwazzjoni, abbażi tad-dritt tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2013, Ordine degli Ingegneri di Verona e Provincia *et*, C-111/12, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tieħu tali inizjattiva jekk mit-talba għal deċiżjoni preliminari ma jirriżultax li l-qorti tar-rinviju għandha effettivament tali obbligu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Omalet, C-245/09, Ġabra p. I-13771, punti 17 u 18).

16 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi preliminari, kif iddefinit fid-deċiżjoni tar-rinviju (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, Ġabra p. I-3071, punt 48 u ġurisprudenza ċċitata).

17 Issa, f'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, minkejja li l-Kummissjoni Ewropea, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, sostniet li tali obbligu jirriżulta mid-dritt kostituzzjonali Taljan, ma jirriżultax, mid-deċiżjoni tar-rinviju nnifisha, li d-dritt Taljan jobbliga lill-qorti tar-rinviju tagħti lil Paola C. l-istess drittijiet bħal dawk li ċittadin ta' Stat Membru ieħor jibbenefika minnhom taħt id-dritt tal-Unjoni fl-istess sitwazzjoni.

18 Minn dan isegwi li, abbażi tal-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja hija manifestament nieqsa mill-ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi d-domanda magħmula mit-Tribunale ordinario di Firenze.

Fuq l-ispejjeż

19 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tordna:

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija manifestament nieqsa mill-ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi d-domanda magħmula mit-Tribunale ordinario di Firenze (l-Italja).

Firem